



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Baġits

2014/2018(BUD)

19.2.2014

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2014 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014, Tqasima III – Il-Kummissjoni (00000/2014 – C7-0000/2014 – 2014/2018(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: Anne E. Jensen

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW..... 3

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2014 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014, Taqsima III – Il-Kummissjoni (00000/2014 – C7-0000/2014 – 2014/2018(BUD))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 314(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitá Ewropea tal-Enerġija Atomika,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014, adottat b'mod definittiv fl-20 ta' Novembru 2013²,
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba³,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020⁴,
- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fiż-żieda fil-kapital tal-Fond Ewropew għall-Investment⁵,
- wara li kkunsidra l-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Shift2Rail⁶,
- wara li kkunsidra l-abbozz tal-baġit emendatorju Nru 1/2014, adottat mill-Kummissjoni fil-11 ta' Frar 2014 (COM(2014)0078),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2014 adottata mill-Kunsill u li ntbagħtet lill-Parlament Ewropew fil-... (00000/2014 – C7-0000/2014),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 75b u 75e tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

¹ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

² ĠU L xx, 20.2.2014, p. 1.

³ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

⁴ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

⁵ COM(2014)0066.

⁶ COM(2013)0922.

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0000/2014),
- A. billi l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2014 għandu x'jaqsam ma' għadd ta' aġġustamenti meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-baġit għall-2014 bi qbil mal-adozzjoni tal-aħħar atti leġislattivi u, b'mod partikolari, l-aġġustamenti meħtieġa għall-implimentazzjoni taż-żieda proposta għall-Fond Ewropew tal-Investment (FEI), il-bidliet li jirriżultaw mill-baġi ġuridika tal-programm Orizzont 2020 adottat wara li l-baġit għall-2014 ġie adottat formalment, u l-aġġustamenti marbutin mal-ħolqien tal-istruttura baġitarja għall-proposta għall-Impriża Konġunta Shift2Rail;
- B. billi ż-żieda fil-baġi kapitali tal-FEI se tikkontribwixxi biex jittejjeb l-aċċess tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju għall-finanzjament permezz tal-programmi COSME u Orizzont 2020;
- C. billi hemm bżonn ta' bidliet għan-nomenklatura tal-programm Orizzont 2020 biex jiġi allinjat mad-dispożizzjonijiet tal-baġi ġuridika adottata f'Diċembru 2013;
- D. billi hemm bżonn tal-ħolqien tal-istruttura baġitarja xierqa għall-Impriża Konġunta Shift2Rail u dan diġà sar għall-impriżi konġunti l-oħra waqt il-proċedura baġitarja għall-2014;
- E. billi l-għan tal-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2014 huwa li dawn l-aġġustamenti baġitarji jiddaħħlu b'mod formali fil-baġit tal-2014;
- F. billi l-effett tal-bidliet proposti fuq il-baġit qed jiġi ppreżentat bħala wieħed newtrali, bl-ebda bidla għal-livell kumplessiv ta' nfiq għall-2014;
- 1. Jieħu nota tal-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2014, kif imressaq mill-Kummissjoni;
- 2. Jappoġġa l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2014 u jinsab lest biex japprova, mingħajr emendi, il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2014 peress li tikkonferma l-proposta tal-Kummissjoni mingħajr modifiki;
- 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiddikjara li l-Baġit Emendatorju Nru 1/2014 ġie adottat b'mod definittiv u jiżgura li jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
- 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.